MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Numru 835/2008

PULIZIJA
SPETTUR ANN MARIE MICALLEF
VS
ERIC SAPIANO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Eric Sapiano ta’ 39 sena, iben John u Giorgina nee’ Cassar, imwieled Attard nhar il-5 ta’ Frar 1969, residenti ‘67’, Triq Santa Margerita u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 134669(M).

Illi huwa akkuzat talli:

1). Nhar il-4 ta’ Jannar 2008, ghall-habta tas-1:00pm, gewwa l-hanut maghruf bhala ‘Inguana’ sitwat fi Triq Bisazza, Sliema, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalieh jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ anqas minn

mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Euro), ghad-dannu ta' Martin Peter Child u/jew persuni ohra, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrijali, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, u dan bi ksur ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2). Alternattivament talli nhar l-Erbgha ta' April 2008 ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar, gewwa l-hanut Iguana, Triq Bisazza Sliema, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nniffsu, billi dawwar ghalih is-somma ta' sittin euro, ghad-dannu ta' Martin Peter Child, jew persuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ghal rigward tat-tieni akkuza

Semghet il-konferma tat tali akkuza wara illi l-imputat inghata zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u kif jirrizulta pienament anke mill-istqarrija ta' l-imputat, ezebita in atti, jirrizulta evidenti illi waqt illi l-imputat kien qieghed jahdem mal-kwerelant, l-imputat, ha mill-cash register is-somma ta' sittin euro il-ghaliex dawn kienu jirraprezentaw "three percent commission" fuq affarijiet illi huwa kien biegh lil terzi u li taghhom il-kwerelant kien ghadu ma hallsux u jidher li kien hemm dizgwid fuq il-kwistjoni ta' commissions dovuti.

Illi t-tehid tas-sittin euro minn da parti ta' l-imputat giet kristallizzata f' "CCTV recording" da parti tal-kwerelant li ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti spece ta' dan il-kaz juru kaz klassiku ta' ragonfattasi. L-imputat agixxa b'din il-manjiera il-ghaliex huwa emmen illi kienu dovuti lilu aktar, in fatti, minn sittin euro commissions fuq oggetti illi huwa kien biegh waqt li kien f'impjieg mal-kwerelant. Johrog fic-car anke fl-istess stqarrija tieghu illi l-imputat ma kellu l-ebda intenzjoni li jisraq izda ezegwixxa l-eghmil indikat fix-xhieda minhabba illi kellu mpressjoni illi kien qed jiehu flus illi kienu dovuti lilu.

Illi in fatti, meta l-kwerelant gibidlu l-attenzjoni huwa kien pront u rritorna s-sittin euro minnufih.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, Eric Sapiano, mhux hati ta' l-akkuza ta' serq izda hati tat-tieni akkuza ta' ragonfattasi u wara li rat Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat, Eric Sapiano, bil-kudizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista ta' l-eta' ta' l-imputat, l-ammissjoni bikrija u in vista tal-fedina penali ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------